C/2025/6747

19.12.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12230 – EIM / PDVH)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/6747)

1. Fil-11 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Elliott Investment Management L.P. ("EIM", l-Istati Uniti),

— PDV Holding, Inc. ("PDVH", l-Istati Uniti).

EIM se takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' PDVH.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— EIM hija maniġer tal-investiment li tuża approċċ ta' negozjar b'diversi strateġiji li jinkludi firxa wiesgħa ta' strateġiji, inklużi, mingħajr limitazzjoni: ekwità, ekwità privata u kreditu privat, titoli f'diffikultà, dejn mhux f'diffikultà, ħeġġ/arbitraġġ, titoli relatati mal-proprjetà immobbli, kummerċ ta' komoditajiet u protezzjoni tal-volatilità tal-portafoll,

— PDVH hija l-unika azzjonista ta' CITGO Holding, Inc., li min-naħa tagħha hija l-unika azzjonista ta' CITGO Petroleum Corporation (flimkien mas-sussidjarji tagħha l-"Grupp CITGO"). Il-Grupp CITGO huwa raffinatur, kummerċjant, trasportatur u bejjiegħ ta' fjuwils tat-trasport, lubrikanti, prodotti petrokimiċi u prodotti industrijali oħra bbażat fl-Istati Uniti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12230 — EIM / PDVH

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË